# Il-Ħadd 14.07.2019

1. It-Tnejn 15/07:
   - Fil-5:00pm - Ħarġa l-baħar għall-Abbatini.

2. It-Tlieta 16/07:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
     Kulħadd mistieden.

3. Il-Ħamis 18/07:
   - Fil-5:00pm, il-Missjunarji Maltin li bħalissa qegħdin fostna - sew jekk Saċerdoti, Reliġjużi, u Lajċi - huma mistiedna mill-Kummissjoni Emigranti għal-laqgħa mal-E.T. Mons. Joseph Galea Curmi, Isqof Awziljarju, f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta.

4. Is-Sibt 20/07 filgħaxija (bejn il-5:00pm u d-9:00pm), u
   il-Ħadd 21/07 filgħodu (bejn il-9:00am u s-1:00pm):
   - Open Weekend tal-Kurja tal-Arċisqof, Floriana.
     Minbarra li l-viżitaturi ser ikunu jistgħu jduru mal-bini tal-Kurja,
     ser jittellgħu wirjiet tal-arti, kunċerti, *guided tours* u attivitajiet oħra.
     Aktar informazzjoni tinsab fuq il-website tal-knisja: http://thechurchinmalta.org/ .

5. Avviżi oħra:
   - Infakkar li qed nagħmlu sejħa għal abbatini ġodda. It-tfal subien li huma mħajrin - minn dawk li għamlu l-Preċett 'il fuq - jinkitbu fis-sagristija.
   - Bħalissa qed isiru l-aħħar thejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-Programm tal-Festa. Dawk li jixtiequ jirreklamaw fih mitluba javviċinaw lill-Kappillan jew lil Dorian Baldacchino mill-aktar fis.
   - Għal matul il-jiem tal-festa, apparti li jingħataw bukketti ta' fjuri friski, nixtiequ wkoll nagħmlu l-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett li ma jinxifx ser imur b'risq il-bankun tal-Furċini ġdid tal-Istatwa ta' San Pawl bħala rigal tal-175 sena mill-miġja tal-istatwa fostna, ir-rifletturi l-ġodda li jdawwlu l-intern tal-knisja, it-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum, u t-tiswija tal-lanterna tal-knisja, minn ġewwa u minn barra. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom biex dawn l-inizjattivi nwettquhom.
   - Min-nhar l-Erbgħa li ġej (17/07) sal-Ħamis tal-ġimgħa ta' wara (25/07),
     l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.

6. Avviż mill-Kunsill Lokali:
   - Il-Ħamis 25/07 ser tkun organizzata mawra għal Kemmuna.
     Iktar informazzjoni u biljetti mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 265 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja
     u l-proġetti prinċipali ta' restawr;
   - € 735 mill-envelopes b'risq il-festa ta' San Pawl;
   - € 255 mill-ħarġa ta' Għawdex. Grazzi.